# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 39**

**Cit. Nru. 814/92 JF**

**Sammy Meilaq bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks**

**vs**

**Oral Attinel bhala Kaptan u in rapprezentanza tal-vapur MV YUKON ex MV PACIFIC S registrat Istanbul, Turkija, ta' 48,321 gross tonnage u 37,788.99 net tonnage u b'nota ta' l-20 ta' Ottubru, 1992, l-Avukati Stefan Frendo u Louis Cassar Pullicino fil-kwalita' taghhom ta' mandatarji specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-konvenut nomine assumew l-atti tal-kawza.**

L-attur nomine ipproceda quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc kontra l-konvenut proprio et nomine b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-attur nomine, wara li ppremetta illi l-attur nomine jinsab kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' miljun u sitta u sittin elf, erba` mija u sitta u hamsin dollaru amerikan (US$ 1,066,456) ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u tletin elf, tmien mija u tnejn u tmenin lira maltin (Lm332,882) valur ta' diversi xogholijiet ta' riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti u moghtija fuq il-vapur MV Pacific S, illum MV Yukon, fuq inkarigu tal-istess konvenut nomine, kif jidhru dettaljati fl-invoice annessa u markata dokument A1 sa A12.

Premess illi l-konvenut nomine naqas li jhallas l-ammont indikat, u qed jippretendi li jhallas biss hames mija u tmenin elf, erba' mija u tmienja u sitting dollaru amerikan (US$ 580,468) ghas-saldu, filwaqt li qed jikkontesta l-bilanc bhala mhux dovut.

Premess illi l-kont tal-istanti nhadem kollu fuq ix-xoghol u skond il-prattika u r-rati applikabbli fil-Malta Drydocks.

Talab il-konvenut nomine din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tlett mija u tnejn u tletin elf, tmien mija u tnejn u tmenin lira maltin (Lm332,882) ekwivalenti ghal miljun u sitta u sittin elf, erba' mija u sitta u hamsin dollaru amerikan (US$ 1,066,456) valur ta' diversi xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti u moghtija fuq il-apur MV Pacific S, illum MV Yukon, fuq inkarigu ta' l-istess konvenut nomine, kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' impediment ta' tluq ta' bastiment u ta' qbid ipprezentati fis-27 ta' Mejju, 1992 u l-mandati ta' impediment ta' tluq ta' bastiment u ta' qbid ulterjuri prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament".

**<u>Nota ta' l-eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut, Oral Altinel, fil-kwalita' tieghu premessa hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi, preliminarjament in-notifika tal-fuq imsemmi att ta' citazzjoni w atti akkompanjanti hija nulla stante li huwa evidenti li l-eccipjent nomine, cittadin tork, ma jifhimx bil-malti u kwindi ghandu jigi notifikat bit-traduzzjoni opportuna;

2. Illi, wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-att tac-citazzjoni huwa null stante li l-persuna tal-konvenut huwa zbaljat billi mhux minnu li l-vapur konvenut huwa registrat fl-Istanbul, Turkija u ghalhekk l-eccipjent nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine;

3. Illi, dejjem in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, Sammy Meilaq irid jipprova sodisfacentement li l-ewwel isem tieghu huwa 'Sammy', u fin-nuqqas 'il fuq imsemmi att ta' citazzjoni huwa null bil-konsegwenza li l-eccipjent nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

4. Illi, dejjem in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, billi l-azzjoni attrici hija wahda 'in rem' il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti ma tkoprix il-pretenzjonijiet kollha ta; l-attur nomine u kwindi din il-Qorti ghandha tezercita l-gurisdizzjoni taghha limitatament ghal dawk l-ammonti li jaghtu lill-attur nomine dritt ta' azzjoni 'in rem';

5. Illi, subordinatament fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel erba' eccezzjnijiet, l-eccipjent nomine hallas is-somma ta' mija, wiehed u tmenin elf, mija, sitta u tmenin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm181,186.75) permezz ta' cedola ta' depozitu numu 66/92 prezentata fid-9 ta' Gunju, 1992 zbankabbli mill-attur nomine liberament stante li l-istess attur nomine rrifjuta l-hlas ta' din is-somma minghajr ebda raguni valida fil-ligi u kwindi mis-somma mitluba din is-somma ta' Lm181,186.75 komprizi l-imghaxijiet relattivi mhux dovuti, u, relattivament ghall-ahhar imsemmija somma w imghaxijiet relattivi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine;

6. Illi, wkoll subordinatament fil-metru u minghajr pregudizzju ghall-ewwel hames eccezzjonijiet, il-bilanc ta' mija u wiehed u hamsin elf, sitt mija u hamsa u disghin lira maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm151,695.85) huwa kkontestat billi whud mir-rati kkwotati originarjament gew unilateralment u arbitrarjament mizjuda mill-attur nomine filwaqt li xogholijiet ohra ma sarux u f'kazijiet ohra ma sarux sodisfacentament skond l-

arti u s-sengha kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel sitt eccezzjonijiet, jekk fid-data tas-sentenza s-somma ta' tlett mija u tnejn u tletin elf, tmien mija u tnejn u tmenin lira maltin (Lm332,882) ma tkunx ekwivalenti ghas-somma ta' miljun u sitta u sittin elf, erba' mija u sitta u hamsin dollaru amerikan (US$1,066,456) it-talba attrici tkun insostenibbli u kwindi l-eccipjent nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine;

8. Illi l-attur nomine huwa debitur tal-eccipjent nomine ghad-danni kkawzati bil-hrug ta' mandati kawtelatorji fuq talba tieghu liema mandati kienu llegali, abuzivi u vessatorji. Di piu, l-mod spezzettat ta' kif gew avvanzati l-istess pretensjonijiet attrici u z-zamma llegali w abuziva tal-imsemmi bastiment nonostante l-kawtela/i debitament depozitata/l mill-eccipjent nomine ukoll ikkawzaw danni lill-eccipjent nomine u ghaldaqstant l-eccipjent nomine qieghed jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni attrici sabiex javvanza l-infraskrittura rikonvenzjoni".

**<u>Rikonvenzjoni</u>**

Il-konvenut nomine ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni attrici biex iressaq kontro-talba li biha:-

"Il-konvenut nomine, wara li ppremetta illi fis-27 ta' Mejju, 1992 l-attur nomine talab u ottjena minn din il-Qorti l-hrug tal-mandat kawtelatorju ta' impediment ta' tluq ta' bastiment numru 1697/92 fl-ismijiet 'Sammy Meilaq bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks versus Oral Altinel bhala kaptan u in rapprezentanza tal-vapur Pacific S registrat Istanbul Turkija ormeggjat fil-Malta Drydocks' ghall-kreditu pretiz ta' mitejn u tnejn u disghin elf u tlett mitt lira maltin (Lm292,300) valur ta' diversi xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti fuq il-vapur Pacific S;

U premess illi mill-imsemmija somma l-konvenut nomine offra l-pagament ta' hames mija u tmenin elf, erba` mija u tmienja u sittin dollaru amerikan (US$580,468) ghas-saldu ta' l-ammont mhux kontestat mentri kkontesta l-bilanc izda l-Korporazzjoni

attrici ma accettatx dan il-pagament ghal ebda raguni valida fil-ligi u anki rrifjutat tiddiskuti t-termini ta' garanzija bankarja ghall-ammont ikkontestat;

U premess illi fil-5 ta' Gunju, 1992 il-konvenut nomine talab il-hrug tar-relattiv kontro-mandat mad-debitu depozitu ta' zewg garanziji bankarji ghas-somma komplessiva ta' miljun, sitta u sittin elf, erba' mija sitta u hamsin dollaru amerikan (US $ 1,066,456) u prokura permezz ta' cedola pprezentata f'din il-Qorti fil-5 ta' Gunju, 1992 liema somma skond ir-rata tal-kambju ta' dak-in-nhar, kienet ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u tletin elf, tmien mija u tnejn u tmenin lira maltin u sittin centezmu (Lm332,882.60) (dokument 1);

Premess illi b'digriet tas-7 ta' Gunju, 1992 din it-talba ghall-hrug relattiv kontro-mandat giet michuda minn dik il-Qorti inter alia minhabba n-nuqqas tal-kontro-parti li twiegeb ghal din it-talba entro t-terminu ffissat minn din l-istess Qroti u minhabba n-nuqqas 'tal-kunsens espress tal-kreditur' (dokument 2);

U premess illi, ghalhekk f'dawk ic-cirkostanzi, fid-9 ta' Gunju, 1992, il-konvenut nomine ghadda biex rega' talab il-hrug tal-kontro-mandat opportun billi kontestwalment iddepozita s-somma fi flus maltin ta' Lm332,882.60 permezz ta' cedola ta' depozitu numru 66/92 mil-liema ammont is-somma mhix ikkontestata ta' mija u wiehed u tmenin elf, mija sitta u tmenin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm181,186.75) hija zbankabbli mill-attur nomine liberament u in vista ta' dan id-depozitu din il-Qorti aderiet ghat-talba tal-konvenut nomine u harget il-kontro-mandat relattiv;

U premess illi, b'danakollu, l-korporazzjoni attrici irrifjutat li tiehu l-passi necessarji sabiex l-imsemmi bastiment ikun jista' jbahhar u fil-11 ta' Gunju, 1992 talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat kawtelatorju ta' impediment ta' tluq ta' bastiment iehor numru 1867/92, kontra l-istess bastiment din id-darba ghas-somma ta' sitta u sittin elf lira maltin (LM66,000) rapprezentanti valur ta' xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi, spejjez legali u imghaxijiet kummercjali li ma kienux kawtelati bil-mandat numru 1687/92 u dan anke minkejja l-fatt li kif jirrizulta mill-anness dokument 1, il-garanziji flimkien kienu jikkawtelaw somma in eccess tal-pretensjoni dedotta fil-mandat numru 1687/92, kif ukoll minkejja l-fatt li l-interessi kummercjali gew adegwatament koperti u l-ispejjez ukoll kienu adegwatament koperti bin-nomina u l-accettazzjoni ta' zewg mandatarji in solidum bis-sahha ta'

prokura wkoll iddepozitata permezz tal-isemmija cedola numru 66/92;

U premess illi ghalhekk, il-konvenut nomine, fic-cirkostanzi, talab u ottjena l-hrug tal-kontro-mandat relattiv fit-13 ta' Gunju, 1992 wara li ddepozita garanzija bankarja ohra ghas-somma ta' sitta u sittin elf lira maltin (Lm66,000) u, ghal darba ohra, minkejja l-hrug ta' dan il-kontro-mandat, il-korporazzjoni attrici zammet il-bastiment de quo milli jbahhar billi bdiet tezigi garanzija ohra ghas-somma ta' wiehed u hamsin elf, hames mija u tlettax-il dollaru amerikan (USD 51,513) rapprezentanti l-ispejjez u ammonti li allegatament saru dovuti matul il-perjodu bejn is-sitta (6) u l-hmistax (15) ta' Gunju, 1992 (dokument 3) u dan minkejja l-fatt illi fid-data ta' l-avvanz ta' din l-ahhar pretensjoni kienu qed jigu nkluzi ammonti riferribbilment ghall-futur kif ukoll minkejja l-fatt li fil-jum tal-hrug ta' l-ahhar kontro-mandat il-korporazzjoni attrici stqarret tramite l-avukat taghha ma' l-avukati tal-konvenut nomine illi hija ma kellhiex aktar pretensjonijiet fil-konfront tal-istess bastiment;

U premess il-mandati kawtelatorji hawn fuq indikati ottenuti mill-korporazzjoni attrici kienu illegali, abbuzivi u vessatorji u kkawzaw danni ngenti lill-konvenut nomine kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

U premess illi l-mod spezzettat ta' kif gew avvanzati l-pretensjonijiet attrici versu l-konvenut nomine u z-zamma illegali u abbuziva ta' l-imsemmi bastiment da parti tal-korporazzjoni attrici nonostante l-kawtela/i depozitata/i mill-konvenut nomine wkoll ikkawzaw u qeghdin jikkawzaw danni ngenti lill-konvenut nomine.

Talab li din il-Qorti:

1. Tordnalu lill-attur rikonvenut li immedjatament jassikura illi l-imsemmi bastiment MV Yukon ex MV Pacific S ibahhar liberament minghajr ebda xkiel da parti tieghu;

2. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut nomine konsegwenza ghall-ottjeniment tal-hrug tal-mandati kawtelatorji ta' impediment ta' tluq ta' bastiment numri 1687/92 u 1867/92 it-tnejn kontra l-konvenut nomine, kif ukoll konsegwenza tal-mod spezzettat ta' kif avvanza l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-istess konvenut nomine u fl-ahharnett minhabba z-zamma illegali u abbuziva tal-imsemmi bastiment

nonostante l-kawtela/i debitament depozitata/i mil-konvenut nomine fir-registru ta' din il-Qorti;

3. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

4. Tikkundannah ihallas lill-konvenut nomine d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut nomine li jibqa' ngunt minn issa biex jidher personalment in subizzjoni u bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi".

**<u>Eccezzjonijiet ta' l-attur nomine ghar-rikonvenzjoni tal-konvenut nomine</u>**

"1. Fl-ewwel lok, in-nullita' tal-kontro-talba billi l-bastiment, in kwantu oggett, ma jistax jagixxi bhala attur. Il-bastiment jista' jkun parti f'kawza biss in via eccezzjonali, taht il-gurisdizzjoni hekk imsejha ta' Vici-Ammiraljat ta' din il-Qorti.

2. Illi f'kull kaz il-kontendenti kienu lahqu ftehim dwar il-kwistjonijiet kollha ta' bejniethom billi qablu dwar il-prezz li l-konvenut nomine kellu jhallas lill-eccpjent tax-xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti mill-Malta Drydocks u l-bastiment seta' jitlaq immedjatament kif effettivament ghamel.

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccept, l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut nomine tinsab ezawrita billi l-bastiment telaq minn Malta in forza tal-ftehim suriferit.

4. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-tieni talba tal-konvenut nomine hija nfondata fil-fatt u fil-ligi billi l-mandati msemmija kienu validi fil-ligi, u necessarji biex l-eccipjent nomine jipprotegi l-interessi tieghu. Inoltre l-eccipjent nomine kien intitolat izomm il-bastiment in forza ta' possessory lien fuqu.

5. Illi f'kull kaz il-konvenut nomine ma bata ebda danni.

6. Illi konsegwentament it-tielet u r-raba' talba tal-konvenut nomine ghandhom jigu respinti.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, elenkat atti processwali li jinfluwixxu fuq il-konsiderazzjoni tal-Qorti u fuq l-andament tal-process b'mod li sostanzjalment jillimitaw il-vertenza, u dawn qed jigu hawn registrati.

"In-nota tal-attur nomine li biha rriduca l-pretensjonijiet tieghu ghas-somma bilancjali ta' Lm472.27;

Il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 1993 (fol 154 tal-process) in forza ta' liema l-konvenut nomine rrinunzja ghall-ewwel talba rikonvenzjonali;

In-nota ta' osservazzjonijiet sottomessi mid-difensuri legali rispettivi tal-kontendenti limitatament ghall-ewwel eccezzjoni tal-attur nomine dwar in-nullita' tal-kontro-talba tal-konvenut nomine".

**Decide**

B'sentenza tas-16 ta' Settembru, 1993, l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur nomine ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut nomine, u konsegwentement irrespingiet l-istess talbiet rikonvenzjonali a spejjez ta' l-istess konvenut nomine b'rizerva pero' ta' kull azzjoni separata si et quatenus, li tista' tittiehed kontra l-attur nomine skond il-ligi. Ordnat ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza, salv ostakolu legali f'kaz li jista' jigi interpost appell minn din id-decizjoni in parte.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat din is-sentenza taghha in parte:-

> "Ikkunsidrat li dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-attur nomine kontra l-konvenuti nomine hija fis-sens li bastiment ut sic ma jistax jippromuovi kontra-talba prerss illi bastiment jista' jkun parti f'kawza fil-kwalita' ta' konvenut taht il-gurisdizzjoni tal-Vici Ammiraljat ta' din il-Qorti u ghaliex ukoll bastiment m'ghandux personalita' guridika. Skond l-attur nomine huwa veru li l-bastimenti fil-ligi jitqiesu bhala oggetti parikolari b'regoli specjali, pero' b'daqshekk ma jaghmilhomx persuni guridici suggetti ta' drittijiet.
>
> In via responsiva l-konvenut nomine strah u ghamel rifereza ghad-dizpozittiv tal-art 396 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-setgha tal-konvenut li jaghmel kontro-talba u r-regoli u l-elementi li jridu jissussistu biex din ir-rikonvenzjoni tkun tista' ssir. Ghamel ukoll accenn ghall-artikoli 397 sa 401 fis-sens li b'tali rikonvenzjoni l-konvenut ma jsirx attur.
>
> Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm certament hafna mill-elementi msemmijin fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jezistu f'dan il-kaz bhalma huma l-kommunanza tal-origini u l-konnessjoni tal-fatti b'danakollu l-konvenut nomine ma ggustifikax kif huwa jrid ibiddel kawza essenzjalment in rem f'wahda in personam. Ir-regola generali hija dik li jistghu jkunu parti f'kawza dawk biss li huma kapaci fil-ligi li jkunu suggetti ta' drittijiet, igifieri persuni fizici jew inkella dawk moghnija b'personalita' guridika bhalma huma s-socjetajiet kummercjali. Il-bastimenti huma biss oggetti u konsegwentament ma jitqiesux ghall-finijiet legali li ghandhom personalita' guridika. Mhux ikkontestat bhala fatt li l-kawza promotrici hija wahda in rem, kontra bastiment u li tali gurisdizjoni specjali temani wkoll mid-dizpozittiv tal-Att XI tal-1973, igifieri l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, 1973. kif tajjeb issottometta l-attur nomine fin-nota ta' osservazzjnijiet tieghu, una volta illi bdiet azzjoni in rem ma tistax tigi nnestata fuqha azzjoni in personam ghax dan ikun ifisser li l-azzjoni attrici tkun giet guridikament znaturata".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

F'din il-kawza l-attur qed jitlob bilanc ta' prezz ta' diversi xogholijiet u riparazzjonijiet ezegwiti mill-Malta Drydocks fuq il-bastiment MV Yukon. Wara li gie esegwit ix-xoghol u hareg il-kont finali, il-konvenut ikkontesta parti minn dak il-kont. L-attur nomine ikkawtela l-pretensjonijiet tieghu bil-hrug ta' mandat ta' impediment kontra bastiment, u minkejja li l-istess konvenut iddepozita l-ammont mitlub u ottjena l-hrug ta' kontro-mandat opportun, l-attur xorta baqa' jirrifjuta li jiehu dawk il-passi mehtiega biex l-istess bastiment ikun jista' jbahhar minn Malta. Il-bastiment thalla jitlaq biss wara li kien sar mandat ta' impediment iehor li kien jinkludi pretensjonijiet mhux koperti fuq il-mandat. Il-vapur kellu jhallas il-parti 'l kbira minn dawn billi eventwalment inbiegh lil terzi. Filwaqt li t-talba principali tal-Malta Drydocks hi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu minnha pretiz ghal dawn ix-xogholijiet, it-talba rikonvenzjonali tal-vapur hi ghad-danni sofferti bhala rizultat taz-zamma illegali u abuziva tieghu, nonostante li l-ammont pretiz fil-mandat ta' impediment ta' safar originali kien gie depozitat fir-Registru tal-Qorti.

Dawn fil-qosor huma l-parametri ta' l-azzjoni attrici u tal-kontro-talba tal-konvenut kjarament naxxenti mill-istess fatti. L-ewwel Qorti bis-sentenza in parte appellata laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba li ssollevat punt prettament legali u procedurali tan-nullita'

ta' l-istess kontro-talba "billi l-bastiment inkwantu oggett ma jistax jagixxi bhala attur. Il-bastiment jista' jkun parti f'kawza biss in via eccezzjonali taht il-gurisdizzjoni hekk imsejjha tal-vici ammiraljat ta' din il-Qorti".

Il-konvenuti nomine ma jikkontestawx il-fatt li l-azzjoni ta' l-attur hi essenzjalment wahda "in rem", inkwantu hi diretta kontra l-bastiment bhala konvenut mizmum f'Malta b'mandati kawtelatorji u li fuqu il-Korporazzjoni attrici qed tivvanta l-jedd illi tezercita d-dritt taghha li tithallas tax-xogholijiet fuqu stess minnha ezegwiti. Kellu jkun allura pacifiku illi f'azzjoni "in rem" l-allura Qorti tal-Kummerc kienet tezercita gurisdizzjoni specjali, cioe' gurisdizzjoni li qabel kienet tezercita bis-sahha ta' l-Ordinanza dwar it-Trasferiment tal-Gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Vici Ammiraljat, kif propju jindika l-attur nomine fl-eccezzjoni tieghu. L-appellanti jsostnu allura li kellu jsegwi minn dan li l-oggett tal-kawza "ín rem" kellu necessarjament jinkwadra ruhu fl-ambitu tal-gurisdizzjoni "in rem" kif regolata fil-Legislazzjoni Ingliza li kienet allura fis-sehh sas-sena 1890. Dan ghaliex b'hekk kienet regolata il-legislazzjoni nostrana li ma zviluppatx bl-istess mod kif tul is-snin zviluppat il-ligi ngliza.

L-appellanti nomine jsostnu li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza d-distinzjoni bejn il-gurisdizzjoni specjali "in rem" li l-Qorti tezercita f'azzjoni "in rem" u l-gurisdizzjoni ordinarja li hi tezercita in virtu' tal-

provvedimenti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Tant li waslet biex tiddeciedi li bil-kontro-talba taghhom, il-konvenuti nomine kienu qeghdin jippruvaw ibiddlu kawza essenzjalment "in rem" f'wahda "in personam". Dan ghaliex l-ewwel Qorti m'apprezzatx li kien possibbli li f'kawza wahda li jkun hemm kemm talbiet "in personam" kif ukoll "in rem" u li l-kawza promossa mill-attur setghet tkun "in rem", waqt li l-kontro-talba proposta mill-konvenut setghet tkun fl-istess hin "in personam".

Din il-Qorti tislet is-segwenti punti ta' lment li jiskaturixxu minn dawn il-principji ta' dritt u, li, fil-fehma tal-konvenuti nomine, l-ewwel Qorti naqset li tafferra.

1) Jissottomettu li l-azzjoni rikonvenzjonali kienet kawza distinta, separata u awtonoma mil-kawza principali. Tant li anke f'kaz li l-attur jirrinunzja ghat-talba tieghu, xorta wahda l-Qorti setghet tkompli tisma' l-kontro-talba tal-konvenut. Dan ifisser li kien biss mehtieg biex il-Qorti tkompli tisma' l-kawza li tistabilixxi li kellha gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba, u dana fl-istess istanza indipendentement minn jekk iz-zewg talbiet, jigifieri it-talba u l-kontro-talba, kienux jew le ta' l-istess xorta u natura. Ma kien hemm l-ebda konflitt li l-Qorti tezercita dawn iz-zewg tipi ta' gurisdizzjonijiet u fil-

prattika, f'dawn il-kawzi marittimi l-Qorti kienet tezercitahom fl-istess hin u sahansitra minghajr ma tigi definita liema minnhom qed tezercita.

2) L-appellanti jissottomettu li ma kienetx f'postha l-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li bil-mod kif giet proposta l-kontro-talba "l-azzjoni attrici kienet giet guridikament znaturata". Dan kien, ghall-istess raguni fuq spjegat, skorrett, ghaliex l-azzjoni attrici tibqa' f'kull stadju wahda "in rem" u ma tigi bl-ebda mod pregudikata bix-xorta tal-kontro-talba proposta kontra taghha. Il-gurisdizzjoni "in rem" tigi ezercitata in konnessjoni ma' talbiet partikolari biss, skond kif tipprovdi l-ligi. Dawn it-talbiet mhux bil-fors jezistu fit-talba rikonvenzjonali li avanza l-vapur bhala konvenut. Anke li kieku wiehed jikkontempla kawza bejn zewg vapuri, it-talba rikonvenzjonali mhux necessarjament tkun wahda "in rem", ghaliex dan jiddependi mill-oggett tat-talba.

3) Finalment l-appellanti nomine jissottomettu wkoll illi l-konsiderazzjoni li kienu biss persuni fizici jew morali li jistghu jigu citati f'kawza u bastimenti huma biss oggett, u "konsegwentement ma jitqiesux ghall-finijiet legali li ghandhom personalita' guridika", ukoll ma kellhiex fondament legali. L-appellanti jissottomettu li fil-kontest tal-proceduri "in rem" kien ferm importanti li wiehed japprezza r-ratio ta' din il-procedura specjali, aktar milli jintilef f'analizi jekk bastiment ghandux

jew le personalita' guridika. Una volta bastiment kellu locus standi bhala konvenut f'azzjoni "in rem", il-ligi tal-procedura f'Malta taghti l-fakolta' lil kwalunkwe konvenut, minghajr ebda distinzjoni, li jippromwovi talba rikonvenzjonali. Dana kif espressament jipprovdi l-art. 386 tal-Kap 12.

Ghal dawn l-aggravji l-attur nomine jirrispondi billi essenzjalment jistrieh fuq l-argumentazzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Isostni t-tezi li bastimenti ma humiex "soggetti" u konsegwentement ma jitqiesux, ghall-finijiet legali, li kellhom personalita' guridika. Dan kien iwassal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti illi, salv id-disposizzjoni specjali bhal dik taht l-art. 370 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, 1973, (Att XI ta' l-1973), il-bastiment ma jistax jippromwovi azzjonijiet f'ismu. Jissottometti li propju ghaliex l-att tac-citazzjoni u l-kontro-talba kellhom ezistenza indipendenti, il-Qorti kellha tindaga, kif indagat, jekk il-bastiment setghax jagixxi bl-azzjoni "in rem" indipendentement mill-fatt li kien citat biex jirrispondi t-talba attrici. Una volta kellu jkun evidenti li bastiment, inkwantu hu biss oggett, ma seta' qatt jippromwovi kawza distinta, separata u awtonoma minhabba li ma kienx suggett tad-drittijiet, u ma kellux personalita' guridika, kellu jsegwi li dan ma seta' qatt jippromwovi hu stess azzjoni "in personam", la bhala attur fl-att tac-citazzjoni, u lanqas allura bhala konvenut fil-kontro-talba. Il-bastiment seta' biss ikun parti f'kawza in via eccezzjonali, u minn imkien ma kien

johrog id-dritt ta' bastiment li jipprocedi gudizzjarjament, la "in rem" u lanqas "in personam". Seta' biss jiddefendi kawza promossa kontra tieghu "in rem" li l-attur seta', skond il-ligi specjali, jippromwovi.

F'dan il-kontest l-appellat nomine jissottometti li l-istitut ta' rikonvenzjoni hu mahsub biex jaghti jedd ta' azzjoni lill-konvenut <u>meta dan f'kawza ikollu d-dritt ta' azzjoni kontra l-attur</u> u meta jokkorru certi determinati cirkostanzi. Dana bil-hsieb li jigu evitati kawzi ohra. Id-dritt ta' kontro-talba ghalhekk ma johloqx drittijiet sostantivi godda imma kien ipoggi biss ghad-disposizzjoni tal-parti citata, mezz procedurali iehor kif tavanza pretensjoni ta' drittijiet li diga' kellha.

Il-Qorti trid tezamina dawn iz-zewg posizzjonijiet kontrastanti biex tasal ghar-risposta tal-kwezit fih innifsu semplici jekk il-vapur citat bhala parti biex jirrispondi ghad-domandi attrici, fl-azzjoni necessarjament "in rem" setghax javanza kontra dan kontro-talba li necessarjament tkun wahda "in personam" inkwantu biha ikun qieghed jivvanta drittijiet kontra persuna fizika jew morali.

Din il-Qorti tibda biex tikkonsidra illi hi skorretta s-sottomissjoni ta' l-appellat li hemm xi haga fondamentalment hazina fil-ko-ezistenza ta' azzjoni "in rem" ma' wahda "in personam". Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi bejn persuni kapaci li joqghodu in gudizzju, u fejn tali

kapacita' ma kienetx b'xi mod bil-ligi limitata, ma kien hemm xejn x'josta illi l-istess azzjoni tigi opposta b'kontro-talba, entro l-parametri previsti mil-ligi, li tkun timporta azzjoni ta' xorta diversa minn dik proposta fl-att tac-citazzjoni. Ma kellux ikun hemm wisq diffikulta' biex wiehed japprezza li l-fakolta' li l-ligi taghti lill-konvenut biex javanza kontro-talba ghat-talbiet attrici, specjalment bil-mod wiesgha kif issa gie koncepit f'dak l-Istitut, kienet intiza mhux biss biex tillimita l-poliferazzjoni tal-kawzi, u ghall-ekonomija tal-gudizzju, imma wkoll biex taghti mezz adegwat ta' difiza komprensiva lill-konvenut. Infatti fl-istess azzjoni ma kien hemm xejn x'josta ghall-konvenut li javanza kontra l-attur pretensjonijiet u talbiet li jezorbitaw mit-talba attrici u li jinvestu d-drittijiet rejali anke jekk l-attur kien ipproceda biss azzjoni "in personam".

Din il-Qorti allura ma tistax tikkondividi l-fehma a priori illi f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta l-azzjoni proposta tkun qed tigi znaturata. Affermat il-principju li l-att tac-citazzjoni u l-kontro-talba jippromwovu zewg azzjonijiet distinti li kellhom ezistenza indipendenti u awtonoma, tant li hu pacifiku li l-kontro-talba setghet tibqa' tigi konsidrata u deciza, nonostante illi t-talba attrici tkun giet ceduta, wiehed kellu propjament jasal ghall-konkluzzjoni inevitabbli li kemm l-azzjoni, kif ukoll il-kontro-talba kellhom in-natura propja taghhom, u kienu konnessi biss sal-punt illi l-ligi, fil-limiti wiesgha kif issa emendata, tesigi biex il-konvenut ikun jista' jipproponi kontro-talba. It-test veru f'din is-sitwazzjoni allura kellu

jkun jekk kienux jokkorru dawk l-elementi mehtiega biex il-konvenut jipproponi kontro-talba skond il-ligi. Jekk dawn jirrizultaw min-natura tal-kontro-talba, u jekk din kienetx jew le ta' l-istess xorta ta' l-azzjoni kienet ghal kollox irrilevanti ghall-fini tar-regolarita' tal-proponiment taghha quddiem il-Qorti tal-Kummerc u tal-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti li tiddeterminaha. Il-kwistjoni allura tirrizolvi ruhha mhux dwar jekk setghax jew le l-konvenut nomine jipproponi kontro-talba "in personam" kontra it-talba attrici "in rem", imma jekk il-konvenut nomine kellux jew le il-kapacita' guridika li jipproponi tali azzjoni. L-appellat nomine infatti jsostni li una volta l-bastiment kien biss oggett u konsegwentement, ma setghax jitqies ghall-finijet legali li kellu personalita' guridika, il-kapacita' tieghu li jidher quddiem il-Qorti tal-Kummerc kienet biss dik li tohrog mid-disposizzjoni specjali taht l-art. 370 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, 1973. L-appellat nomine isostni allura li l-kapacita' tal-vapur li jidher fil-gudizzju kienet strettament wahda passiva biex jirrispondi u jiddefendi ruhu kontra t-talbiet attrici. Ma setghax hu stess jagixxi biex jirrivendika d-drittijiet li jippretendi li kellu kontra terzi.

Ghall-fini ta' din il-kawza din il-Qorti ser tqis biss jekk il-vapur, rinfaccjat b'azzjoni kontra tieghu ghall-kundanna ta' dak li l-attur iqis li kien lilu minnu dovut, setghax juza l-mezzi kollha ta' difiza miftuha u accessibbli lil kull konvenut iehor fl-istess sitwazzjoni. Filwaqt li hu koncess li l-kapacita' biex bastiment merkantili jidher quddiem Qorti torigina mill-Att

XI ta' l-1973, fis-sens li l-kreditur tal-vapur jinghata l-jedd li jagixxi kontra tieghu biex jesigi d-drittijiet pretizi anke in mankanza tas-sidien tieghu li kienu jkunu altrimenti personalment responsabbli, ikun ghal kollox kontro-sens li l-jedd ta' azzjoni eccezzjonalment moghti lill-kreditur li jagixxi kontra l-vapur, kellu jitqies li hu limitazzjoni fuq il-jedd ta' difiza ta' l-istess vapur li ma jinghatax l-opportunita' li jiddefendi ruhu bil-mezzi kollha possibbli, inkluz dak ta' azzjoni "in personam" kontra min kien, skond hu, ingustament qed jirreklama xi haga minn ghandu. Filwaqt li hu minnu li l-bastiment m'ghandux bhala regola personalita' guridika, ma jistax ikun hemm dubju li una volta l-kreditur ghandu dritt ta' azzjoni kontra tieghu taht il-ligi specjali li hi l-Att XI ta' l-1973, il-fatt li l-vapur jigi validament hekk citat bilfors ifisser li vapur jigi vestit b'personalita' guridika limitata jekk xejn ghall-obbligu li jidher fil-gudizzju quddiem il-Qorti li hekk ticcitah biex jaghmel. Din il-Qorti ma tarax li, una volta l-ligi, fl-interess tal-kreditur tinvesti fil-vapur b'locus standi fil-gudizzju, u li dan ma jistax ma jfissirx hlief illi takkordalu l-vesti ta' personalita' guridika, tillimitalu hi stess id-dritt ta' difiza shiha, anke permezz ta' l-istitut tal-kontro-talba. Interpretazzjoni differenti tkun inikwa in vjolazzjoni tal-principju ta' l-equality of arms u ma jidhirx li ssib riskontru fil-ligi.

Dan naturalment ma jfissirx li l-vapur jista' jagixxi bhala attur f'azzjoni "in personam", kontra terzi. Dan l-aspett mhux qed jigi vestit f'din il-

kawza, waqt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-origini tal-konsiderazzjonijiet taghha kellha bilfors tkun bil-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, 1973. Dawn il-konsiderazzjonijiet isibu wkoll konfort fis-segwenti taghlim gurisprudenzjali li ghalih, inter alia, ghamlu riferenza l-appellanti nomine f'nota sottomessa lil din il-Qorti:-

1) B'sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Ronald Naudi noe vs. Av. Profs. Dr. Joseph M. Ganado noe", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Dicembru, 1988, inter alia, intqal: "Minn ezami tal-mandati ta' impediment tal-partenza fuq imsemmija, jirrizulta li nonostante li dawn kienu jidhru preordinati ghall-intavolar ta' azzjoni "in rem", pero' l-attur nomine iddeduca fihom il-pretensjonijiet kollha li hu avanza fil-kawza odjerna...........B'dan il-mod l-attur nomine ipprova jikkawtela bl-istess mandati mhux biss l-allegat kreditu dovut miz-zewg vapuri milqugha bil-mandati, izda kreditu ferm aktar vast, u dan anke fil-konfront tas-socjetajiet esteri konvenuti f'din il-kawza". Dik il-Qorti pprocediet biex tisma' l-kawza wara li kienet ikkostatat li l-proceduri kienu inbdew bhala "ín rem", izda li zviluppaw f'citazzjoni redatta bhala azzjoni "in personam".

2) Il-gurisprudenza ingliza in materja, li l-Qrati taghna jistriehu fuqha anke ghaliex il-ligijiet vigenti fl-Ingilterra kienu ghal hafna zmien dawk li japplikaw ghal Malta fil-prezent, u cioe' The Admiralty Court Act 1840, u

The Admiralty Court Act, 1861, hi fis-sens illi "a defendant in an action "in rem" may set up a counterclaim "in personam", and the Court has refused to strike out a counterclaim as embarrassing although the plaintiffs were foreigners who could not have been served with a writ of summons and the counterclaim could, if the plaintiffs had so chosen, have been tried by a jury". (Halsbury's Laws of England, Fourth Edition, 1989, Volume I (I) Admiralty) pagna 416).

3) L-appellanti nomine jaghmlu riferenza wkoll ghas-sentenza Ingliza "The Clutha", deciza fl-1 ta' Awissu,1876, bhala ezempju ta' procedura mibdija "in rem" u fejn il-konvenut vapur jaghmel counterclaim "in personam" kontra l-attur. Hi accettata ir-regola fir-Renju Unit li f'azzjoni "in rem" il-vapur konvenut jista' jressaq counterclaim "in personam".

L-appell ghalhekk jimmerita li jigi sostnut. Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-senteza appellata revokata. Konsegwentement il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur nomine ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, a spejjez ta' l-istess attur nomine. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg mm